MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 45

17 ta' Ottubru 2018

Il-Kunsilli Lokali Ħ'Attard ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 6, Triq il-Kbira, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

STEFAN CORDINA – Sindku
MARISA ABELA – Kunsillier
RAYMOND AZZOPARDI – Kunsillier
RALPH CASSAR – Kunsillier
ALEX MANGION – Kunsillier
CONNIE SCERRI – Kunsillier
MARK ANTHONY SPITERI - Kunsillier
ALFRED ZAMMIT - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
JOHN DEBONO – Kunsillier

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marica Mifsud – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ippresieda l-laqgħa. Il-Laqgħa bdiet ftit tard xi 5.34pm. Kulħadd kien preżenti bl-eċċezzjoni tas-Sur Debono li nqabad xogħol.

## 45.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

45.1.1 Inqrat l-ittra t'apoloġija tas-Sur Debono. Din ġiet aċċettata.

## 45.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

45.2.1 Il-minuti ġew approvati .

## 45.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku nforma lill-Kunsill rigward:

45.3.1 Car Sharing GOTO - kumpanija li tikri karrozzi permezz ta' mobile app għal xi 27c il-minuta. Din il-kumpanija laħqet immarkat *station* ħdejn l-APS Bank u ssuġġeriet tnejn oħra ħdejn il-*car park* tal-Corinthia, li ma kienx hemm oggezzjoni għaliha, u l-oħra ħdejn il-BOV plc. Din tal-aħħar kien hemm oggezzjoni minħabba li l-bankina dejqa ħafna u l-parkeġġ f'din il-biċċa problematiku. Għalhekk ġie suġġerit lilhom li din il-*bay* issir fi Triq Frans Dingli imma minħabba li l-post mhux ċentrali dan is-suġġeriment ma ġiex milqugħ. Il-kumpanija ssuġġerit li dawn iż-żewġ *bays* isiru fi Triq Antonio Schembri. Dan is-suġġeriment ġie milqugħ.

45.3.2 *Cycas* li nsterqet minn wara l-bus tal-Papa fi Pjazza Gwann Pawlu II.

45.3.3 Ilment fuq siġra quddiem stabbiliment kummerċjali fi Triq Victor Vassallo li ġa ġie diskuss preċedentament. Dan l-ilment reġa' qed jiġi diskuss minħabba li s-siġra ġiet eżatti fin-nofs tal-entratura tal-lift. Ġie deċiż li peress li din is-siġra mhix protetta u ċertifikata hekk mill-*Planning Autority,* tista' tinqala' imma minflokha jitħawwlu ċipressa u żewġ żebbuġiet li se jingħataw lilna bħalha donazzjoni minn sid il-ħanut. Kulħadd qabel.

45.3.4 Intopp li nqala' fi Triq il-Ferrovija fejn kien hemm proġettat, bil-permess ta' Transport Malta, li ssir centre strip u fil-fatt bdiet titqatta'. Imma ġara li x'ħin tqatta' l-blat u għamlet ix-xita residenzi fl-inħawi li għandhom akwadott taħt id-dar u kuljum bil-pompi jneħħu l-ilma, innutaw li l-ilma żdied. Għalhekk dak li kien proġettat i.e. li jitħawwlu siġar b'għeruq fondi ma jistax isir u ħa jkollu jingħata layer konkos extra u qawwi C30 li l-ispiża tiegħu hi kemmxejn għolja.

45.3.5 Talba biex tinqala' siġra minn Triq il-Linja li qegħda sporġuta l-barra. Il-Kunsill mhux tal-parir li tinqala' imma wisq jibża' li jista' jkun hemm konsegwenzi legali jekk iseħħ xi inċident. Għaldaqstant ġie deċiż li jittieħed parir legali u jitpoġġa sign ileqq biex ikun inqas ta' periklu.

45.3.6 Sfronda sprall fi Triq il-Mosta u minħabba l-urġenza tax-xogħolijiet sakemm jiġi ċċekkjat ta' min hu responsabbilta', peress li dan hu *water catchment,* tneħħa l-periklu u sar ix-xogħol mill-Kunsill. Kien hemm żewġ claims ta' spejjeż imma dawn kellhom jiġu mgħoddija l-entitajiet responsabbli. Is-Sur Michael Cohen konsulent ma' Transport Malta ġie nfurmat bil-każ.

## 45.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

45.4.1 Is-Sur Alfred Zammit talab:

- Biex terġa' tintbagħat l-ittra fuq dak il-plot fi Triq il-Pitkali sabiex titnaddaf.
- Biex jerġa jitnaddaf il-garaxx fi Triq il-Pitkali peress li reġa' ntela' ħmieġ u hemm bżonn kinsa. Is-Sur Cordina qal li ma jistax ikun li nkomplu nnaddfu fil-privat, vojta u mhux.
- Li titnaddaf Triq Hannibal. Kif jibda' l-kuntrattur il-ġdid ha jsir ix-xogħol kollu meħtieġ.

45.4.2 Is-Sinjura Connie Scerri infurmat lill-Kunsill li:

- D-Dental Unit kellu jattendi nhar it-Tnejn, 22 ta' Novembru bejn it-8 ta' filgħodu u nofsinhar.
- L-Enemalta kienu qed inaddfu, neħħew il-ħadid u ma komplewx.
- Bdew il-korsijiet tal-Universita' tat-Terża Eta'
- Ħa tattendi għall-Plenarja
- Wara Nofsinhar – saqsiet min sejjer għal *Quiz* fuq it-TVM. Ġie deċiż li jattendu Marco Spiteri u Ralph Cassar.
- Ħa tattendi għall-kommemorazzjoni taż-żriegħ tas-siġra li se ssir il-Ħamis, 15 ta' Novembru fil-Family Park Wied il-Għajn.

45.4.3 Is-Sur Ralph Cassar nforma fuq:

- Applikazzjoni tal-Pit Stop sabiex ikomplu jkabbru u jagħmlu *restaurant*. Is-Sur Cordina qal li dan hu tip ta' Autogrill. Se jiġi kkuntatjat il-Perit sabiex issir oggezzjoni u naraw fuq l-applikazzjoni tal-fuel station l-oħra.

45.4.4 Is-Sur R. Azzopardi saqsa:

- Fuq jekk kienx hemm xi żvilupp fuq talba tiegħu sabiex issir żebra crossing Triq il-Linja ma' Triq Victor Vassallo. Għalissa ma kienx hemm żviluppi.

## 45.5 Jum Ħ'Attard, Ġieħ H'Attard update

45.5.1 Minħabba problema bil-parteċipanti għall-Jum Ħ'Attard, il-ġurnata li fih se jinżamm Ġieħ Ħ'Attard kellha tiċċaqlaq mis-16 ta' Novembru 2018 għas-17 ta' Novembru 2018. Is-Sur Spiteri issuġġerixxa li r-riċeviment għal din id-darba jsir fis-Sala. Ġie suġġerit ukoll li jsir bord informattiv bl-informazzjoni fuq il-proġett tal-linja tal-Ferrovija u t-Tourist Information Centre.

45.5.2 Se jinħatar Bord sabiex ikunu evalwati n-nomini għal Ġieħ Ħ'Attard. Is-Sur Cordina ssuġġeruxxa li bħalha membri fuq il-Bord ikun hemm is-Sinjuri Norbert Gingell u Charlie Camilleri flimkien maċ-Cerman is-Sur Remigio Bartolo, hu, is-Segretarju Eżekuttiv u żewġ kunsilliera. Ġie suġġerit li membri fuq dan il-Bord ikunu l-Kunsilliera Connie Scerri u Alex Mangion.

## 45.6 Aġġudikazzjoni Tenders Ġbir ta' Skart Goff u Tindif ta' Non Urban

45.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li l-Bord tal-Evalwazzjoni ltaqa' tlett darbiet u l-

proċess t'evalwazzjoni wara li ngħataw l-10 t'ijiem żmien għall-appelli kien issa jinsab magħluq.

Il-Bord irrakomanda li t-tenders jingħataw kif ġej:

Ġbir ta' Skart Goff: Veladrians Limited
Tindif ta' Non Urban: Carmelo Mifsud

Il-Kunsill qabel mar-rakkomandazzjoni tal-Bord u approva li l-kuntratturi ġodda Veladrians' u Carmelo Mifsud fuq il-kuntratti tal-Ġbir ta' Skart Goff u Tindif ta' Non Urban rispettivament għall-erba snin li ġejjin.

## 45.7 Rapporti

45.7.1 Ma kienx hemm iktar rapporti

## 45.8 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

Sar *leaflet* 8 pager, hekk kif anness, għal Jum Ħ'Attard. Dan il-leaflet sar bid-disinn b'kollox u minħabba li x-xogħol kien urgenti kellu jitqabbad kuntrattur malajr għax dak preżenti ma setgħax ilaħħqu. L-ispiża ta' dan il-leaflet telgħet għal €2620.29 inkluż id-disinn u tinsab annessa mal-iskeda ta' pagamenti.

## 45.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti

45.9.1 Approvati wara li saru mistoqsijiet mis-Sur Zammit fuq linja 29 pagament lis-Sur George Cortis pagament għat-tindif u manutenzjoni ta' latrini minħabba li l-kuntratt spiċċa wkoll. Ġie spjegat lilu li dan hu kuntrattur temporanju li qed jieħu ħsieb il-latrini sakemm jingħata l-kuntratt lill-kuntrattur ġdid.

## 45.10 Mozzjonijiet; u

45.9.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 45.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

45.10.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.55pm u ġiet aġġornata għat-8 ta' Novembru 2018 fil-5.30pm.

Konfermati, illum 8 ta' Novembru 2018.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Stefan Cordina | Marica Mifsud |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |